



Brussell, 14 ta' April 2026  
(OR. en)

7702/26

**LIMITE**

**CORLX 312**  
**CFSP/PESC 444**  
**EPF AM 30**  
**FIN 471**  
**COAFR 82**  
**ACP 30**  
**COPS 169**  
**POLMIL 138**

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PEŠK) 2026...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni (PEŠK) 2022/667 dwar miżura ta' assistenza  
li tieġu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana  
taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667<sup>1</sup> li stabbiliet miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 (il-“miżura ta' assistenza”). Il-miżura ta' assistenza tippermetti l-finanzjament ta' azzjonijiet b'appoġġ għall-Unjoni Afrikana approvati mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (2) L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata ml-miżura ta' assistenza ma kienx ġie mobilizzat kompletament sal-31 ta' Diċembru 2025.
- (3) Fid-dawl ta' ħtiġijiet persistenti, l-Unjoni Afrikana esprimiet interess li tkompli tibbenefika mill-miżura ta' assistenza.
- (4) Sabiex jiġi massimizzat l-appoġġ għall-Unjoni Afrikana, jenħteġ li l-miżura ta' assistenza tiffinanzja l-azzjonijiet li għandhom jiġu approvati mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà sat-30 ta' April 2026.
- (5) Għalhekk jenħteġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/667 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/667 tal-21 ta' April 2022 dwar miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi għall-perjodu 2022-2024 (ĠU L 121, 22.4.2022, p. 38, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/667/oj>).

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/667, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Hija b'dan stabbilita miżura ta' assistenza li tiegħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana (UA) li ser tiġi ffinanzjata mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-“Miżura ta' Assistenza”). Il-Miżura ta' Assistenza għandha tiffinanzja azzjonijiet approvati mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) sat-30 ta' April 2026.”.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---